# IL-BEJJIEGĦ TA' L-ISFINEĠ FIL-BIRGU

**George Cilia**

Fiż-żminijiet l-imgħoddija sa nofs is-seklu l-ieħor konna naraw fit-toroq tagħna bosta bejjiegħa jgħaddu bil-mixi b'xi bixkilla fuq dirgħajhom jew bi xkora wara daharhom, jgħajtu għajta kif jafu huma biex ibiegħu il-prodotti tagħhom. Oħrajn kien jarmaw ftit aħjar billi jinqdew bil-ħmar u l-karettun f'xi ġranet li jidhrilhom li jkunu mistennija minn-nies tal-post. Uħud kienu joħorġu bil-biegħa tagħhom filgħodu, oħrajn wara nofsinhar, kif jaqbel l-iżjed.

Fost dawn konna naraw lil tal-faħam bi xkora wara dahru jħabbat il-bibien tax-xerrejja tal-faħam filgħodu kmieni. Il-bejjiegħa tal-ħobż, tal-ħaxix, tal-ħut kienu xi ħaġa ta' kuljum. Fis-sajf kien joġroġ bejjiegħ is-silġ. Tal-ġelati bil-bezzun fuq karettun u ieħor għall-granita, u tar-rizzi dejjem skond l-istaġun. Wara nofsinhar kienu joħorġu dawk tal-pastizzi u tal-qassatat bil-qoffa. Tal-kagħak u l-kristini ma kien jonqos mit-toroq. Għall-ħabta ta' nżul ix-xemx dħul ix-xitwa joħorġu dawk tal-qastan mixwi, tal-ful, ċiċri u karawett, ta' l-isfineġ tal-bakkaljaw, u ta' l-imqaret. Sas-snin ħamsin dawn il-bejjiegħa kienu għadhom jagħmlu qliegħ biżżejjed għall-għejxien tal-familja, Iżda bdew jonqsu bil-mod il-mod mal-ftuħ tas-*supermarkets*; barra l-fatt li l-bejjiegħa li mietu xogħolhom ma ntiritx minn uliedhom.

Fil-Birgu l-aktar bejjiegħ popolari u maħbub kien Ausonio Bugeja, magħruf l-aktar bħala "is-Sonu", miż-Żurrieq, miżżewweġ il-Birgu fejn baqa' jgħix bil-familja li rabba sa ma miet. Kien bejjiegħ tal-qubbajt fil-festi ta' l-ibliet u l-irħula, ta' l-imqaret u tal-qastan mixwi, tal-ħut frisk u, fuq kollox, ta' xi ħaġa li m'għadekx issibha: l-isfineġ tal-bakkaljaw.

Kien kapaċi jdoq iż-żaqq u t-tanbur fil-festi folkloristiċi Maltin. Il-qubbajt għadu jidher u mfittex sewwa fil-festi titulari. Niftakar lis-Sonu jarma l-ħmara bil-karettun, jgħabbi t-twavel u l-istrippi, il-miżien imdendel ma' njama, bil-kexxun taħtu għall-flus, kaxxi mimlija qubbajt li jkun sajjar fil-ġranet ta' qabel, xi blalen tal-ħġieġ ikkulurit, xi fanal jew tnejn



**Xi bejjiegħa armaw bil-bhima u l-karettun**

tal-pitrolju jew lampa ta' l-aċitilena lesti fuq il-karrettun għalkemm jaqbad it-triq lejn pajjiż il-festa biex jarma fl-aħjar post fil-qalba tal-pjazza.

Matulek ja ġimgħa kien jasal wasla sal-pixkerija, jagħżel il-ħut li jidhirlu, u jitlaq lejn il-Birgu biex ibiegħu lill-familji tal-lokal. L-aktar li jinxtara ħut kien nhar ta' l-Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa. Dari nhar ta' Ġimgħa ma kienx jittiekel laħam. Meta jasal fit-toroq jgħajjat "ħajjin! ħajjin!". F'daqqa waħda n-nisa tad-dar iduru dawra miegħu jagħżlu u jixtru l-ħut. Sa l-għaxra ta' filgħodu kien ikun biegħ kollox.

Viċin il-pixkerija fix-Xatt tal-Belt kont issib tixtri ħafna ikel ieħor bħal m'hu l-qastan ġo l-ixkejjer, it-tamal taċ-ċappa ġo kaxxi tal-injam, u bakkaljaw niexef daqs għuda. Ħabib tas-Sonu għaddielu l-ħsieb li hu ukoll jista' jixtri minn dawn il-prodotti u jibda jsajjar l-imqaret, l-isfineġ tal-bakkaljaw, u jinkalja l-qastan għall-kumdita tal-klijenti tiegħu. Sadattant iż-żewġ uliedu subien kienu tfarfru sewwa, xtaqu jibdew jaħdmu, u hekk sar. Ftehmu bejniethom li jintefgħu għat-tisjir ta' l-imqaret u l-bejgħ tliet darbiet fil-ġimgħa, u darbtejn oħra jitħejja t-tisjir ta' l-isfineġ tal-bakkaljaw; filwaqt li fix-xitwa jiżdied il-bejgħ tal-qastan.

Ix-xogħol ma kienx ħafif. Trid taħseb sa minn filgħodu x'se toħroġ

tbiegħ, kemm se tlesti, u l-ħafna affarijiet li tiġi bżonn fit-toroq. Kollox kien jiġi ppreparat fid-dar tagħhom. Jibdew bil-qastan billi jaqsmulu l-qoxra forma ta' salib biex meta tisħon sewwa l-qoxra tkompli titbewwaq u tinfired mill-qalba b'erba' ponot mgħawġin 'l fuq. Hekk il-qastan kien jitqaxxar iktar malajr. L-imqaret kien fihom iżjed xogħol biex tlestihom għal ġoż-żejt jagħli. X'aktarx li s-Sonu kien jixtruhom lesti kemm isajjarhom. Imma l-isfineġ tal-bakkaljaw kienu l-ispeċjalita' tas-Sonu. Minn ġurnata qabel kien ixarrab il-bakkaljaw minħabba l-imluħa li tkun ġo fih; inaddfu mix-xewk, u jqattgħu biċċa biċċa daqs tliet pulzieri 'l waħda. Meta kien jasal il-ħin biex joħroġ kien ilesti l-għaġina magħmula mid-dqiq u l-ħmira mħawdin ġo borma. Imbagħad jimla borma oħra biż-żejt għal fuq il-kenur.

# Min jirnexxielu jfaddal tliet soldi kien jixtri sfinġa.

F'dik il-lejla tal-bejgħ ta' l-isfineġ kien jintrama l-karrettun bil-ħmara u jitpoġġa l-kenur fuqu. Il-kenur kien mod tajjeb ta' kif issaħħan il-borma biż-żejt sa ma jagħli. Jitqabbad it-tiben u xi ftit karti biex ikebbsu fjamma li mbagħad tqabbad il-faħam. Dan kien isir ġamar li kien idum jikwi u jikkonsma sakemm il-bakkaljaw isir u jinbiegħ kollox. Il-borma bl-għaġna tal-ħmira, ir-reċipjent bil-biċċiet tal-bakkaljaw, il-qoffa bil-qastan, u l-kexxun tal-flus kienu jitqiegħdu kollha fuq il-karrettun. Ma nżul ix-xemx jibda d-dawra mat-toroq tal-Birgu. Ma kellux bżonn jgħajjat. Kulħadd kien drah lis-Sonu, u l-mara tad-dar kienet toħroġ tixtri l-isfineġ għal ma' l-ikla ta' filgħaxija. It-tfal li jinzertaw ħerġin mit-tagħlim tad-duttrina kienu jduru dawra mejt mal-karettun, mistagħġbin kif is-Sonu kien jaf isajjar l-isfineġ tant tajjeb.

Min jirnexxielu jfaddal tliet soldi kien jixtri sfinġa. Min għandu sold jixtri ftit qastan mixwi. L-oħrajn iħarsu mxenqa biex kieku jduqu dan l-ikel speċjali. Kif jista' jkun li s-Sonu jaqbad biċċa bakkaljaw bil-furketta, jitfagħha ġo l-għaġina tal-ħmira, idawwarha darbtejn, jerġa' jerfagħha, fil-pront jitfagħha tissajjar fil-borma taż-żejt jagħli, u ftit ħin tintefaħ daqs kannol tal-krema, tirtab, u sir minn lewn id-deheb lesta għall-ikel? It-tfal kurjużi. Dan bħal għaġeb ta' l-għeġubijiet għalihom. Imorru jistaqsu lil ommhom kif l-isfinġa ssir daqshekk malajr u tkun daqsjekk tajba għall-ikel.

Dak iż-żmien kien għad hawn fit-toroq it-tallaba jittallbu, jħabbtu l-bibien tan-nies. Kif jaraw lis-Sonu kienu jersqu lejh. Dan kien jinduna xi jridu u jagħtihom sfinġa mgeżwra f'karta strazza u bla telf ta' żmien jerħilha lejn il-pjazza. Wara t-tislima tas-soltu: "għal ruħ min għandek mejjet" jew "requiem aeterna", it-tallaba jwarrbu u jfittxu xi post għal kwiet fejn iduq l-benna ta' l-isfinġa.

Kif jasal il-pjazza, Wenzu, t-tifel iż-żgħir tal-bejjiegħ, jaqbad kartuna f'idu u jrewwaħ il-fjamma tal-faħam tal-kenur biex dan iġammar u jlaħħaq sakemm jinbiegħ kollox. In-nies li jinzertaw il-pjazza, aktarx ħbieb jiddiskutu l-aħbarijiet tal-jum, jinsew għal mument, hekk kif jitfaċċa s-Sonu, it-taħbit tal-jum, u jduru miegħu jistaqsa x'hemm tajjeb il-lejla. In-nies fil-każini joħorġu wkoll, jixtru dik ix-xi ħaġa li tinżel tajjeb ma' pinta nbid jew tazza birra. Il-baħrin li jkun bil-frank minn fuq il-biċċa tal-gwerra wieqfa fil-Port il-Kbir kienu jinżlu l-art biex igawdu l-ħajja man-nies tal-post. Kienu jonfqu flushom f'ikel u xorb lokali u l-isfineġ tal-bakkaljaw kienu jintogħġbu wisq. Kont tismagħhom ifaħħru l-prodott u kienu jgħidu *apetising, delicious.*

Mill-pjazza s-Sonu kien jilħaq ibiegħ kollox, u ma jibqagħlu xejn x'jagħmel ħlief li jdabbar rasu, mat-twajba ħmara tiegħu, lejn id-dar.



**Xi bejjiegħa kienu jiġu bil-mixi**

Suq ieħor tajjeb ħafna għall-bejgħ ta' dawn il-prodotti kien ikun nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar ħdejn il-bieb tat-Tarzna. Dak iż-żmien, xi tnax-il elf ħaddiem kienu jitħallsu bil-flus f'idejhom kull nhar ta' Ġimgħa.

Uħud minnhom kienu saru klijenti regulari tas-Sonu. Mill-bieb tat-Tarzna ġirja waħda għall-karrettun ta' seħibna, biex jilħqu sfinġa kif jaf iħawwarha dan il-kok mill-Birgu.
Il-fama tajba ta' dan il-prodott xterdet ma' Malta kollha, għax il-ħaddiema tat-Tarzna kienu jiġu minn lokalitajiet oħra u kien jxerrdu l-fama ta' l-isfinġa tal-bakkaljaw tas-Sonu ma' sħabhom.

**IS-SONU JDOQQ IŻ-ŻAQQ**

Imma l-ħin tal-mistrieħ hu meħtieġ ukoll. Is-Sonu kellu d-delizzju tad-daqq taz-zaqq b' ibnu l-kbir jakkumpanjah bit-tanbur. Fil-festi tradizzjonali tagħna kien jagħti pjeċir lill-folol li jarawh u jisimgħuh. Kellu ħabta jitgħawweġ u jinżel għarrkubtejh b'ċertu ritmu. Fl-Imnarja ġewwa l-Buskett kien jagħti wirja speċjali li rebbħitu wieħed mill-premjijiet. Kien anke deher fuq it-TV meta kien għadu *black and white.*

Is-Sonu ilu li ħalla din id-dinja; uliedu kibru u irtiraw mix-xogħol bil-pensjoni. Il-ħmara, wara snin taqdi dmira kif imiss, applikat fl-iskema tal-*early retirement.* Il-karrettun xtrah sid ta' restorant biex Iżejjen u jfakkarna fil-ħajja Maltija ta' dari. Il-bejgħ tal-ħut, tal-qubbajt, ta' l-imqaret u l-qastan qed isir anke mis-*supermarkets.* Ma jinpurtax li sar il-progress f'pajjiżna, imma ħasra li l-isfineġ tal-bakkaljaw m'għadhomx jidhru. Ikel tant popolari mal-ġenerazzjoni ta' qabilna għeb għal kollox.

# Riċetta ta' l-Isfineġ tal-Bakkaljaw

**X'għandek bżonn:**

Nofs kilo bakkaljaw niexef
Kwart ta' kilo dqiq
Ftit ħmira
Għabra melħ
Ftit meraq tal-lumi

**Xarrab il-bakkaljaw fl-ilma minn awl il-lejl. Għarbel id-dqiq, żid il-ħmira u għaġen l-għaġina ġo żinġla billi żżid l-ilma kemm hemm bżonn. Itfa' għabra melħ u ftit meraq tal-lumi. L-għaġina trid tiġl ftit imlaħalħa. Ħalli l-għaġina toqgħod għal siegħa. Għalli l-bakkaljaw sakemm jirtab u jsir, naqqih mix-xewk, imbagħad qattgħu biċċiet żgħar. Itfa' l-biċċiet tal-bakkaljaw ma' l-għaġina u kompli għaġen kollox flimkien. Għamel it-taħlita blalen blalen u itfagħhom fiż-żejt jagħli sakemm isiru minn lewn id-deheb. Trid tikolhom sħan, hekk kif toħroġhom miż-żejt jagħli.**

**Ma' l-għaġina hawn min iżid xi żewġ tadamiet imqaxxra u mqatta' u jagħġen kollox mal-bakkaljaw.**

## DAWN X'SAR MINNHOM?

**IL-KALKARA**

**Fi triq Santa Liberata, meta l-patrijiet Kapuċċini bnew il-kunvent, infetħet trejqa privata u tqiegħdu żewġ kolonni tal-ħaġar, waħda fuq kull naħa, bi statwa ta' San Pawl u oħra ta' San Pietru. Imma bl-iżvilupp ta' din it-triq dawn l-istatwi ma dehrux aktar. (Ma kellniex il-ħarsien ta' l-ambjent dak iż-żmien).**

**BORMLA**

**Parti mix-Xatt ta' Bormla kienet tissejjaħ "Ħdejn Sant'Andrija". Dan għax kien hemm kolonna sabiħa żżejjen it-triq bi statwa ta' Sant Andrija. Fir-rikostruzzjoni li saret wara l-gwerra kienet tneħħiet, imma l-bombi ma kienux qerduha. Neħħewha l-periti tal-Gvern Maltin**

**Lejn Verdala, fejn saret fetħa fis-sur ta' Santa Margerita, kien hemm ċimiterju msejjaħ tar-*Rock Gate*. Dan għaliex kien hemm mina ġol-blat. Malli Malta kellha l-ewwel Gvern Malti sar ftuħ fis-sur, tneħħiet il-mina, u ġie mċekken iċ-ċimiterju. Illum iċ-ċimiterju abbandunat.**

**SAN ĠWANN**

**Fil-Katidral ta' San Ġwann kien hemm żewġ bankijiet li kienu jgħidulhom "tal-Kapuċċini". Kienu fuq il-presbiterju. Flokhom illum tqiegħdu siġġijiet moderni. Il-bankijiet kienu saru mill-Gran Mastru li kien jistieden lill-Kapuċċini fil-Kon-Katidral. Issa tneħħew. Għebu.**

**Lorenzo Zahra**